MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 110/2007

**Fl-ismijiet:**
**ABT Limited**

**Vs**

**Adrian Buttigieg**

**Illum, il-Gimgha 4 ta' Mejju 2007**

**Il-Qorti,**

Rat l-ittra ufficjali pprezentata mis-socjeta' ABT Limited fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' Jannar 2007 kontra Adrian Buttigieg.

Rat illi din l-ittra ufficjali giet notifikata lil Adrian Buttigieg nhar id-19 ta' Jannar 2007.

Rat illi in segwitu s-socjeta' ABT Limited kienet harget mandat ta' sekwestru numru 912/07 kontra Adrian

Buttigieg wara li din il-Qorti kienet laqghet it-talba rikorrenti ghal tali hrug nhar il-5 ta' April 2007 u dan a bazi tal-kawzali li l-ittra ufficjali fuq imsemmija tal-15 ta' Jannar 2007 kienet giet reza esegwibbli skond l-artikolu 116A tal-kap 12.

Illi pero' in segwitu jirrizulta skond nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' April 2007 li Adrian Buttigieg effettivament kien ipprezenta n-nota responsivu tieghu fl-atti ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2007, nhar il-15 ta' Frar 2007 u ghalhekk konsegwentement il-mandat ta' sekwestru numru 912/07 qatt ma messu gie pprezentat u akkordat.

Illi in segwitu nhar il-11 ta' April 2007 l-istess Adrian Buttigieg talab permezz ta' rikors sabiex jinhareg kontro-mandat fuq il-mandat ta' sekwestru numru 912/07 fl-ismijiet ABT Limited versus Adrian Buttigieg stante li l-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2007 qatt ma setghet giet reza esegwibbli stante li n-nota tieghu giet ipprezentata entro t-termine stabbilit mil-ligi ta' tletin jum ai termini ta' l-artiklu 166A (4) tal-Kap 12.

Illi l-Qorti rat ulterjorment ir-risposta tad-direttur tal-Qrati Civili u Tribunali datata 4 ta' Mejju 2007 ipprezentata fl-atti ta' l-ittra ufficjali 246/07 fejn hemm indikat ukoll li kien hemm zball amministrattiv fis-sens illi l-ittra ufficjali fuq indikata 246/07 giet reza ezekuttiva fl-1 ta' Marzu 2007 minkejja li kien hemm nota ta' oppozizzjoni, u dan ghaliex l-istess nota tal-15 ta' Frar 2007 ma kinitx giet inserita fl-atti.

Konsegwentement il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' kontro-mandat numru 995/07 fuq il-mandat ta' sekwestru numru 912/07 peress li l-ittra ufficjali numru 246/07 m'ghandhiex titolu esekuttiv.

Bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru numru 912/07 u tal-kontro-mandat 995/07 ikun a karigu tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------